# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 117/2016**

Il-Pulizija

vs

**Carmel Pace**

iben Carmel, imwieled L-Imsida, fil-25 ta’ Dicembru, 1961, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 67862(M)

Illum, 15 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Carmel Pace quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, mill-1 ta' Mejju, 2015 sal-31 ta' Lulju, 2015 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Anna Calleja u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bilkuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Frar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu xahrejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmel Pace pprezentat fis-7 ta' Marzu, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata tad-29 ta'Frar, 2016 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tilliberah mill-akkuza dedotta kontra tieghu.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. L-appellant hu fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment dovut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-15 ta' Settembru, 2016 l-appellant, seduta stante, hallas dak kollu dovut lill-parte civile.  Il-parte civile nfurmat il-Qorti li ma ghandhiex aktar interess f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Carmel Pace fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-htija, tilqa l-appell ta' Carmel Pace thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tlett xhur prigunerija tillibera lil Carmel Pace taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.